EUROPEAN UNION AGENCY FOR RAILWAYS

Immexxu l-Ewropa lejn sistema ferrovjarja sostenibbli, sigura u mingħajr fruntieri.

Sejħa għal Applikazzjonijiet għal kariga ta' Amministratur (Uffiċjal Legali) fl-Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv (EDO)

Aġent Temporanju 2(f) (AD5) - bil-ħsieb li tiġi stabbilita lista ta' riżerva - ERA/AD/2026/002

I - KONTENUT TAL-IMPJIEG

L-Aġenzija qed tfittex Amministratur (Uffiċjal Legali) għall-**Uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv (EDO)**. Il-persuna impjegata se taħdem fit-tim legali fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ("ERA"), taħt ir-responsabbiltà tal-Mexxej tat-Tim, bid-Direttur Eżekuttiv bħala l-uffiċjal tar-rappurtar tagħhom.

Kompiti u responsabbiltajiet ewlenin:

1. Tagħti pariri dwar kwistjonijiet legali ewlenin (pereżempju: ir-regoli tal-ERA, aspetti legali rigward kwistjonijiet ta' akkwist, ta' finanzjament, u tal-persunal, kif ukoll privileġġi u immunitajiet, protezzjoni tad-data u aċċess pubbliku għal dokumenti);
2. Tipprovdi pariri legali u assistenza lid-Direttur Eżekuttiv, lill-maniġment u lill-persunal rigward l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas legali tal-UE u tal-ERA;
3. Timmaniġġja, jekk ikun hemm bżonn, mistoqsijiet legali mingħand iċ-ċittadini u tipprovdi, jekk ikun meħtieġ, pariri fi kwistjonijiet ta' qabel il-litigazzjoni/ta' litigazzjoni (tikkordina, f'ċerti okkażjonijiet, ma' avukati esterni);
4. Tidentifika r-riskju fi kwistjoni u toffri opzjonijiet legalment sodi lid-Direttur Eżekuttiv u lil persunal superjuri ieħor;
5. Tipprovdi appoġġ/mentoraġġ lil avukati oħra tat-tim;
6. Tabbozza deċiżjonijiet legalment sodi li għandhom jiġu adottati mill-ERA u tabbozza jew tivverifika firxa ta' dokumenti legali oħra;
7. Għall-persuna adatta, taġixxi bħala l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Aġenzija.

Minħabba s-sensittività tal-impjieg, huwa meħtieġ sens għoli ta' kunfidenzjalità mill-persuna li tintgħażel.

II - KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

Il-proċedura ta' selezzjoni hija miftuħa għall-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha li ġejjin, fid-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

1. Rekwiżiti ġenerali:

› Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea[1], jew ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja);

1 L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, u l-Iżvezja.

- Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha bħala ċittadini;
- Ikunu wettqu kull obbligu impost mil-liġijiet applikabbli li jikkonċernaw is-servizz militari[2];
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti[3];
- Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga[4];
- Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali[5] tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra[6] tal-Unjoni Ewropea sa fejn dan huwa meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet relatati mal-kariga;
- Ikollhom anqas mill-età li fiha l-persunal tal-UE jirtira b'mod awtomatiku, jiġifieri attwalment fl-aħħar jum tax-xahar li fiha huwa/hija jilħaq/tilħaq l-età ta' 66 sena[7].

2. Kwalifiki minimi:

Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għall-istudji universitarji konklużi ta' mill-inqas tliet snin attestati b'diploma.

Jiġu aċċettati biss kwalifiki maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew mill-awtoritajiet taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) u kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE jew taż-ŻEE.

III - KRITERJI TA' SELEZZJONI

Il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, jiġu vvalutati u jingħataw punteġġ skont **il-kriterji ta' selezzjoni**. Il-kandidati li ma jissodisfawx wieħed jew iktar mill-kriterji ta' selezzjoni mhumiex se jiġu eskluży immedjatament mis-selezzjoni.

Kriterji ta' selezzjoni użati biex jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet tal-kandidati:

- Lawrja universitarja fil-liġi;
- Esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin relatata mal-oqsma ta' kwistjonijiet legali ewlenin, ara nru 1 f'"kompiti u responsabbiltajiet ewlenin";
- Evidenza ta' għarfien tad-Dritt tal-UE;
- Esperjenza f'qasam wieħed jew aktar tal-abbozzar ta' testi legali;
- Esperjenza ta' xhur/snin ta' xogħol awtonomu fuq kwistjonijiet legali kumplessi;
- Esperjenza ta' mill-inqas tliet snin ta' xogħol bħala uffiċjal legali f'servizz legali tal-Unjoni Ewropea istituzzjoni, aġenzija jew korp, jew f'organizzazzjoni internazzjonali, jew f'korp nazzjonali fejn jiġu ttrattati kwistjonijiet tal-UE;
- Esperjenza ta' xhur/snin ta' għoti ta' pariri dwar (i) il-leġiżlazzjoni ferrovjarja jew (ii) il-leġiżlazzjoni dwar it-trasport; u/jew l-għoti ta' pariri legali dwar (iii) awtorizzazzjonijiet jew (iv) approvazzjonijiet;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni tajbin ħafna, kif ukoll il-kapaċità li jispjegaw kwistjonijiet legali kumplessi lil dawk li mhumiex esperti, b'mod orjentat lejn is-servizz;

2 Jekk applikabbli
3 Qabel ma tiġi reklutata, il-persuna li tintgħażel tintalab tipprovdi ċertifikat li jikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rekord kriminali
4 Qabel ma tiġi reklutata, il-persuna li tintgħażel għandha tiġi eżaminata f'ċentru mediku indikat mill-Aġenzija sabiex jiġi kkonfermat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 13 tas-CEOS tal-UE jkunu ġew issodisfati.
5 Il-lingwa materna tiegħek jew lingwa oħra uffiċjali tal-UE li għandek għarfien tajjeb ħafna tagħha li jikkorrispondi għal-livell C1 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr
6 Għarfien tat-tieni lingwa uffiċjali tal-UE tiegħek li jikkorrispondi għal mill-anqas livell B2 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL)
7 Ara l-Artikolu 52 (a) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, applikabbli għal Aġenti Temporanji b'analoġija, l-Artikolu 47 tas-CEOS

› Għarfien tajjeb ħafna tal-lingwa Ingliża (mitkellma u miktuba bħala utent proficjenti f'livell C1) fit-tliet dominji: Taħdit, Kitba u Fehim;
› Għarfien tajjeb tal-lingwa Franċiża (mitkellma u miktuba bħala utent indipendenti f'livell B2 fit-tliet dominji: Taħdit, Kitba u Fehim);

Il-kwalifiki edukattivi/akkademiċi u l-esperjenzi professjonali jridu jiġu deskritti b'mod preċiż kemm jista' jkun fil-formola ta' applikazzjoni tal-ERA.

Huma biss il-kandidati li jgħaddu minn minimu ta' 60 % tal-punteġġ totali mogħtija għall-kriterji ta' selezzjoni li jiġu kkunsidrati u mistiedna għal intervista u test bil-miktub.

IV – INTERVISTA U TEST BIL-MIKTUB

Il-kandidati magħżula għall-fażi tat-test li tinkludi intervista strutturata u test bil-miktub jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji li ġejjin:

1. ***Għall-intervista:***

Ħiliet tekniċi:

› Għarfien tad-Dritt tal-UE;
› Għarfien ta' oqsma ta' kwistjonijiet legali ewlenin, ara nru 1 f'"kompiti u responsabbiltajiet ewlenin";
› Kapaċità ta' komunikazzjoni bl-Ingliż (bħala utent proficjenti f'livell C1);
› Kapaċità ta' komunikazzjoni bil-Franċiż (bħala utent indipendenti fil-livell B2).

Ħiliet personali (jiġu vvalutati biss waqt l-intervista orali):

› Motivazzjoni;
› Sensibilizzazzjoni f'dak li jirrigwarda informazzjoni personali u sensittiva;
› Ħiliet tajbin ħafna ta' komunikazzjoni;
› Soluzzjonijiet legali prattiċi li jaqblu mal-ħtiġijiet tan-negozju;
› Ħiliet analitiċi u ta' soluzzjoni tal-problemi;
› Kapaċità ta' xogħol f'tim, b'attitudni kollaborattiva, reżiljenti u orjentata lejn is-servizz.

2. ***Għat-test bil-miktub:***

› Kapaċità ta' analiżi u kitba fil-qosor ta' informazzjoni miktuba;
› Abbozzar ta' testi legali;
› Pariri dwar il-leġiżlazzjoni ferrovjarja jew dwar it-trasport u/jew pariri legali dwar awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet;
› Għarfien tal-oqsma ta' kwistjonijiet legali ewlenin, ara nru 1 f'"kompiti u responsabbiltajiet ewlenin";
› Kapaċità ta' komunikazzjoni effettiva bl-Ingliż miktub (bħala utent proficjenti f'livell C1).

Għall-kelliema nattivi tal-Ingliż, l-kapaċità tiegħek li tikkomunika bit-tieni lingwa tal-UE tiegħek tiġi ttestjata matul l-intervista. Minħabba li dan il-punt huwa inkluż fir-rekwiżiti ġenerali msemmija hawn fuq, kwalunkwe nuqqas li tingħata prova tal-livell sodisfaċenti tat-tieni lingwa tal-UE tiegħek iwassal biex tiġi eskluż(a) mis-selezzjoni.

Il-lingwa Franċiża għal kelliema mhux nattivi tiġi ttestjata b'mod kwalitattiv matul l-intervista.

Il-punteġġi għall-intervisti u t-test bil-miktub huma stabbiliti kif ġej:

- Punteġġ totali għall-intervista: **70 punt** Punteġġ minimu biex tgħaddi: **42 punt (60 % ta' 70);**
- Punteġġ totali għat-test bil-miktub: **30 punt** Punteġġ minimu biex tgħaddi: **18-il punt (60 % tat-30).**

It-test bil-miktub tal-kandidati ma għandux jiġi vvalutat jekk matul l-intervista l-punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi ma jintlaħaqx.

V – SOMMARJU	
L-Aġenzija: Ikklikkja hawn għad-deskrizzjoni tal-Aġenzija u l-attivitajiet tagħha fil-lingwi differenti tal-UE	
Data tal-pubblikazzjoni: 30/10/2026	*Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet:* 29/11/2026 (23.59 CET, ħin lokali, Valenciennes)
Tip ta' kuntratt: Aġent Temporanju 2(f) *Grupp ta' funzjoni u grad:* AD5	*Post tal-impjieg:* Valenciennes, Franza L-ERA topera mudell ibridu ta' ħidma li jikkombina l-preżenza fuq il-post ma' opportunitajiet ta' xogħol mill-bogħod. Ix-xogħol mill-bogħod huwa suġġett għal limiti speċifiċi stabbiliti fir-regoli interni u għandu jkun allinjat mal-bżonnijiet tan-negozju u l-approvazzjoni maniġerjali. Innota li xogħol full time mill-bogħod mhux permess.
Durata tal-kuntratt: Erba' snin u jista' jiġġedded għal perjodu definit ta' mhux aktar minn sentejn. Jekk jiġġedded għat-tieni darba, il-kuntratt isir indefinit	*Salarju bażiku fix-xahar:* EUR 6 152,64 fl-ewwel skala b'fattur ta' ponderazzjoni ta' 13,6 % flimkien ma' allowances speċifiċi fejn applikabbli
L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'email f'din il-mailbox biss: jobs@era.europa.eu sa 29/11/2026 (23.59 CET, ħin lokali, Valenciennes) mhux aktar tard	*Lista ta' riżerva:* L-ewwel ħames kandidati (numru indikattiv) se jitqiegħdu fil-lista ta' riżerva li tibqa' valida sa: 29/11/2028 bil-possibbiltà ta' estensjoni. Din il-lista ta' riżerva tista' tiġi kondiviża ma' Aġenziji / Impriżi Konġunti oħra tal-UE li ffirmaw il-Memorandum ta' Qbil[8] (MtQ), u dan isir biss bil-kunsens tal-kandidati.
Proċedura ta' applikazzjoni: ikklikkja hawn	*Proċedura ta' selezzjoni:* ikklikkja hawn
Proċeduri ta' appell u ta' lment: ikklikkja hawn	*Protezzjoni tad-data:* ikklikkja fuq Data protection European Union Agency for Railways (europa.eu) u inżel 'l isfel fil-paġna għat-taqsima "Selezzjoni u reklutaġġ tal-Persunal tal-Aġenzija (TA, CA, SNE u trainees)"

8 Dan jirreferi għal-Lista tal-Aġenziji tal-UE u l-Impriżi Konġunti li ffirmaw Memorandum ta' Qbil dwar l-użu ta' listi ta' riżerva ta' kandidati adatti minn avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti għall-persunal temporanju reklutat skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS u għall-persunal kuntrattwali reklutat skont it-termini tal-Artikolu 3a tas-CEOS.